fil-ħalq miftuħ-mitbuq imperrċin ikraħ,
iħaffrulek il-ħofor fil-ħamrija,
isoffulek is-sinsla tal-ħajja:
ruħ bla fidi,
ġisem għalih bla ruħ mirgħun lill-mewt u t-trab!

U t-trab idarras; dellijiet il-mewt
ikexkxu; u biex tinsa, tarma tiġri
bħal tifel imwerwer mitluf
fil-folol fuq il-fosos tal-Furjana
nhar Kristu Re, mingħajr ma tagħraf telfek;
sakemm fil-*luna park* tal-ħajja tagħna
tistordi ddur u togħla, taqbeż, tgħajjat,
tfittex u tixtri l-ferħ! U meta tinżel,
tinżel u terġa' tinżel,
fid-dawra l-kbira li taqtagħlek nifsek,
fl-aħħar tintreħa biex tinżel; u tinsa
kif tfajla, imbierka fost in-nisa, bkiet
fl-Irja, fix-xemx u x-xita;
u fuq ix-xtut
ta' l-ilma jħaxwex
fil-wied ta' *Massabielle;*
għax *nous descendons al'enfer......*

*Priez pour nous, Marie! Priez pour nous!*
li ma nsibux ruħna fid-dlam
minn għalina fid-dawl; qalb il-ħalel
qalila u l-irwiefen imgħaddba
minn għalina fil-mirja
tal-baħar ileqq
taħt sema tas-sajf:
ferħanin fil-hemm: Ġaħan bil-bieb!

Ġunju-Settembru, 1954.

---

**QWIEL IL-BIDWI**

Min jaħrat bil-ħmir u jkisser it-tub bin-nisa ma jeħux qoton.
Qotna tal-moħriet aħjar minn għaxra tal-bejtiet.
Ir-riħi fil-ġbis ma jsemminx.



# Il-Letteratura Infantili Maltija

Essay ta' "CALAMUS"

FTIT kittieba Maltin messithom ix-xorti li messet lil Albert Marija Cassola li dejjem sab edituri li jilqgħuh b'idejhom miftuħa.

"Għadu Kemm Jibda!", "Ġabra ta' Ġawhar", "Vagiti", l-isbaħ tlieta editorjalment, "Żwieġ il-Mewt", "Kapitlu l-Aħħar", "Il penitente", u għadd ġmielu ta' opuskoli oħra bħal dawn, m'humiex ftit għal kittieb Malti żagħżugħ.

Imma l-kummedjografu li rebaħ tant konkorsi bl-atti tiegħu Taljani u Maltin, fosthom "Il-Magħmudija tal-Pupi" għat-tfal, in-novellier u poeta diversi drabi klassifikat l-ewwel, il-kittieb li xogħlijiet tiegħu sebqu f'kompetizzjonijiet lil dawk maqluba għall-Malti minn awturi barranin mill-aqwa nett, il-lum jiddi fl-istorja tal-kitba tagħna bħala l-"Missier tal-Letteratura Infantili Maltija".

U dan mhux minħabba t-tidwir fil-Malti ta' bċejjeċ żgħar bħal "The Little Match-Seller" (ta' Anderson) jew tar-raba' kapitlu ta' "Pier Giorgio Frassati", imma lanqas minħabba l-kollaborazzjoni tiegħu ma' May Butcher fit-traduzzjoni tal-ktieb "Emil und der Detective" u xogħlijiet oħra letterarji għaż-żgħar.

Kitba, din kollha, premjata f'konkorsi għal xogħlijiet għat-tfal, imfaħħra minn kritiċi serji, li ma nkun qiegħed inżid xejn magħhom jien, bil-kelma fqajra tiegħi.

Mela x'inhu li jaħtar 'il Cassola bħala dak il-kittieb li ħoloq fil-Malti l-letteratura infantili li jistħoqqilha tabilħaqq dan l-isem?

Fil-letteratura tarbija ta' Malta, ċerti suriet letterarji għadu ma ħolom bihom ħadd. Il-letteratura għat-tfal sal-bieraħ ma kenitx teżisti u lit-tfal tagħna kien ikollna nirrakkuntawlhom il-ħrejjef ta' Ġaħan li huma biss id-dell ta' ħrejjef qodma barranin.

Il-lum it-tfal għandhom "Il-Ġrajja ta' Ġoġò Rummiena",* ktejjeb li l-kritika laqgħatu tajjeb għax, għalkemm miktub għat-tfal, ingħoġob mill-kbar ukoll; u dik hija l-prova li ktieb għat-tfal ikun irnexxa!

Sogħba waħda għandu i-qarrej: dik li l-ktieb huwa qasir,

---

* Edituri: A.C. Aquilina & Co., Kingsway, Valletta, prezz 2s. 3d.